# Il-Festa tal-Imsida fl-Imgħoddi



Kitba ta' Lino Bartolo

Il-festa titulari tal-lokal kienet tkun mistennija mill-biċċa l-kbira tan-nies tal-Parroċċa. Dan għaliex dan kien l-uniku żvog annwali li kellu l-poplu biex jiltaqa' flimkien u jiċċelebra. Minn qabel kont tilmaħ lir-residenti tal-lokal ibajdu l-faċċata tad-dar tagħhom kif ukoll jiżbgħu l-bibien u t-twieqi. Il-kbar kienu jħejju wkoll x'se jilbsu għall-okkażjoni. Il-mara barra xi libsa, kienet tara li tixtri wkoll xi biċċa deheb biex tilbisha fil-festa. Lit-tfal ukoll kienu jħejjulhom xi tibdila li kienet imbagħad tintlibes matul is-sena. Il-knisja wkoll kienet tħejji ruħha għal din l-okkażjoni. Fl-Msida l-kappillan, Dun Innocenz Zammit, kien iqabbad lit-tfal tas-Salvatur f'Santa Venera u dawn kienu jbajdu bil-ġir id-dawra tal-faċċata tal-knisja u jiżbgħu l-bibien prinċipali. Fuq ġewwa tal-knisja kien jintrama bid-damask li ħafna minnu kien ta' diversi kuluri u mraqqa'. Dak iż-żmien il-knisja kienet għadha fqira u d-dekorazzjoni tagħha kien għadu fil-bidu. Fuq barra l-armar kien jibda fil-lejl tal-festa tal-Imnarja. L-Msida kienet maqsuma fi tnejn 'in-naħa ta' barra' u 'n-naħa ta' ġewwa'. Kien hemm ċertu rivalità u l-fruntiera tan-naħa ta' barra kienet Pjazza Palma, fejn qabel kien hemm il-ħanut tal-merċa ta' Verga u taż-żebgħa ta' Tankredi (dan għadu jeżisti sal-lum), filwaqt li fi Triq il-Wied kien hemm il-ħanut tax-xorb ta' Ġużeppa l-Fusa.



**L-Ark bid-disinn tal-karti tal-kulur li kien jintrama fil-bidu ta' Triq il-Wied**

L-ewwel ma kienu jintramaw kienu l-antarjoli li kellhom il-labardi tagħhom slaleb ta' San Ġwann, l-oħrajn li ma kellhomx kienu jagħmlulhom fit-tarf tagħhom qatta' rand li konna naqtgħu mill-ġnien ta' Dun Karm Rizzo li kien flok fejn hemm l-Avis illum. Imbagħad kienu jagħmlu l-ventijiet mal-arbli biex tad-dawl idendel il-festuni magħhom. Tan-naħa ta' ġewwa wara li kienu jwaħħlu l-antarjoli kienu joħorgu l-anġli li kienu tant kburin bihom u li kienu nxtraw bi tliet liri-il wieħed mir-residenti li jintramaw quddiemhom. Fl-aħħar ġimgħa, Ħadd qabel il-festa, l-Msida kienet tisbaħ imlibbsa tal-festa. Kienu jarmaw disinji tal-karti kkuluriti maħduma fuq il-*wire*. Tan-naħa ta' ġewwa kienu jaħdmu Ark kbir li kienu jdendlu

fuq il-ventijiet fil-bidu ta' Triq il-Wied. Ark ieħor kien isir ħdejn il-ħanut ta' Tankredi. Disinji oħra tal-karti ġieli saru matul Triq il-Wied kollha u fil-pjazzetta ta' ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin. In-naħa ta' barra kienu jagħmlu disinji tal-karti f'Rue D'Argens, li kien ikun qisu ġnien mimli kuluri. Disinji oħra kienu jsiru fi strada sekonda (Antonio Bosio), Strada Prima (Triq Mons. Falzon) u Triq il-Parroċċa. Oħrajn kienu jsiru mad-dawra ta' Pjazza Palma quddiem il-każin tal-banda. Din il-pjazza kienet kwadra, imdawra bis-siġar tal-palm u bil-gabbana tal-injam li minnha konna mmorru nixtru r-ruġġjata. Dawn id-disinji tal-karti wara l-festa kienu jinbiegħu biex jintużaw f'festi oħra. Fl-aħħar ġranet kienu jdendlu l-pavaljuni u l-bandalori. Dawn ma kinux sbieħ bħal tal-lum. Il-faċċata tal-knisja wkoll kienet tiġi mixgħula b'ħafna lampi kkuluriti. Fuq iz-zuntier tal-knisja meta kienet tintrama l-faċċata bid-dawl kien ikun hemm attività kbira. Ġuzeppi Filletti kien jieħu ħsieb jarma d-dawl u mal-faċċata kienu jitilgħu bis-sellum tal-ħabel biex ipoġġu l-festuni f'posthom. L-aktar perikoluż kien ix-xogħol biex jintramaw il-kampnari. Minn fuq il-bejt tal-knisja kien jintuża s-sellum li bih jintrama d-damask ġewwa. Wara meta jitilgħu fuq iċ-ċinta tal-kampnari kienu jorbtu sellum ieħor u biex jilħqu l-quċċata kienu jitilgħu żewġ ħaddiema fuq dahar xulxin biex ipoġġu l-bozoz fil-quċċata tal-kampnari. Kien xogħol skabruż, perikoluż u tal-ġenn. Kemm kienu jissugraw dak iż-żmien! Il-knisja kellha u għad għandha dehra mill-isbaħ mixgħula. Tirrifletti d-dehra tagħha fil-baħar. Il-festa kienet tibda fil-knisja l-Ħadd ta' qabel bil-ħruġ tal-vara wara l-quddiesa tal-11:00 ta' filgħodu, fejn it-tfal tal-M.U.S.E.U.M subien kienu jkantaw l-innu popolari waqt li San Ġużepp ikun imdawwar mal-knisja li dak iż-żmien ma kellhiex bankjiet. L-Erbgħa kien jibda t-tridu bil-għasar, il-prietka u l-antifona bil-mużika tas-Surmast Ġużeppi Camilleri. Il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu kienet issir il-quddiesa kantata. Is-Sibt, lejlet il-festa filgħaxija kienet issir it-Transulazzjoni mill-artal ta' Sant Anna, toħroġ mill-bieb tal-ġenb fil-faċċata u tidħol mill-bieb il-kbir, wara jsir l-għasar, il-kompjeta u l-barka sagramentali. Filgħodu l-Ħadd kienu jsiru l-Matutin mill-patrijiet tal-Kapuċċini u wara l-quddiesa solenni bil-paniġierku. Ta' tfal li konna dejjem stennejna d-daqq tat-trombi fil-quddiesa l-kbira ta' Camilleri. Filgħaxija jsir l-għasar, il-kompjeta u wara l-purċissjoni. Mal-purċissjoni kienet tieħu sehem il-banda ta' San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq. Fid-dħul tal-purċissjoni kienet titkanta l-antifona u tingħata l-barka sagramentali.


**Kannizzata quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni armat għall-festi Ċentinarji tal-Parroċċa f'Lulju 1967**

Fuq barra l-festa kienet tibda l-Ġimgħa filgħaxija wara l-barka meta kienet issir mixegħla ġenerali tat-toroq. Wara l-Banda Melita kienet tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha li kien jibda minn quddiem il-knisja u jitla' minn Strada Terza (Mons. Dandria), Triq il-Ġdida, D'Argens, Triq il-Kunċizzjoni kollha, Triq il-Wied u jispiċċa fil-11:00 p.m. quddiem il-każin. Is-Sibt il-Banda Melita, kienet tagħmel marċ qasir u programm mużikali fuq il-planċier quddiem il-knisja. Wara kien isir

il-logħob tan-nar fuq il-moll. Il-Ħadd, marċ ta' filgħodu ma kienx isir u filgħaxija l-knisja kienet tikkummissjona żewġ baned, il-banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq li kienet tibda b'marċ u wara ddur mal-purċissjoni, u l-Banda La Vittorja tal-Mellieħa li kienet tagħmel marċ programm fuq il-planċier quddiem il-knisja.

Ħdejn il-Għajn tal-Ħasselin kien ikun hemm min idoqq il-Banda t'Indri u ħafna kienu jiżfnu għad-daqq tagħha. Sintendi kienet issir il-gostra fuq il-barkun li kien ikun armat f'nofs id-daħla tal-Msida. Dan il-barkun kien jintrama bil-bnadar u l-liedna u fuqu kien ikun hemm il-Banda t'Indri iddoqq mużika allegruża. Preżenti ukoll fuq il-barkun barra dawk li jitilgħu għall-ġostra kien ikun hemm il-pulizija għax mhux l-ewwel darba li kien jinqala' l-inkwiet bejn dawk li jieħdu sehem. Il-premju tal-gostra kien ikun ta' tliet liri.



Strada Seconda illum Triq Antonio Bosio armata bid-disinnji tal-karti kkuluriti għall-festi Ċentinarji tal-Parroċċa f'Lulju 1967

Il-logħob tan-nar tal-ajru ukoll kellu parti importanti fil-festa tagħna, u n-nar kien jinħaraq minn fuq il-bejt tal-knisja fit-tankijiet ħdejn il-kamra tat-tużell. Fl-għalqa ta' Natu fejn illum hemm iċ-ċentru parrokkjali, fl-għelieqi, wara l-M.U.S.E.U.M. u anke f'Ta' Xbiex. Dari dawn il-postijiet kienu għadhom kollha raba, u l-ħruq tan-nar seta' jsir legalment.

Kif qed naraw minn dejjem kellna festa modesta u sabiħa, in-nies minn dejjem tiġi l-Msida. Għall-gostra l-bajja kienet tkun mimlija dgħajjes bin-nies ġo fihom li jkunu ġew mill-irħula tal-qrib biex jaraw din l-attività. Flok bejjiegħa bil-*kiosks* bħal-lum, kellna ħafna mwejjed tal-qubbajd u bejjiegħa tal-ġelat u l-granita u pastizzi, kif ukoll xi karettun li fuqu kienu jbiegħu xi ġugarelli tat-tfal, u minjaturi ta' statwi tat-tafal u affarijiet tal-knejjes li bihom kienu jilagħbu t-tfal. Għall-Kappillan Innoċenz Zammit li għalkemm mhux Misidjan, ħabb lill-Msida bis-serjetà, il-festa kienet xi ħaġa speċjali. Biex iħeġġeġ iktar lid-dilettanti kien iħobb jgħid li "l-kċina isbaħ mis-sala" għax id-dilettanti "tan-naħa ta' ġewwa" kienu jarmaw iktar.

Dan kien joħloq sens ta' pika ġenwina, biex is-sena ta' wara jarmaw aħjar. Il-ġbir tal-flus kien isir kull ġimgħa bieb bieb u l-ewwel sitt xhur il-ġbir kien imur għall-knisja biex isir id-damask. Dan ma kien isir qatt. Sakemm fis-sena 1987 sa 1990 sar mill-Kummissjoni Amministrattiva mill-flus li ġabret hi mill-*Candle Factory*. Kienu jsiru lotteriji, fieri fuq il-moll, xi tombla bil-premju ta' lira u tkun qisek irbaħt xi ħaġa kbira. Niftakar ukoll il-lotterija tal-għoġol li kienet issir kull sena fuq iz-zuntier, dan barra l-ġbir fuq iz-zuntier ta' sold sold biex isiru l-logħob tan-nar. Dun Innoċenz kien jieħu ħsieb ukoll li jagħmel repò fis-sala fuq id-dar parrokkjali. Dakinhar mill-isqof sal-inqas abbati u dilettant tal-festa kien imissu dak ir-rikonoxximent żgħir li kulħadd jistenna u b'dan ir-rikonoxximent u sens ta' grazzi kulħadd jibda jaħdem għal sena oħra. Dan illum naqas.